

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1673

tat-23 ta' Lulju 2019

li jissostitwixxi l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) 2019/788 jipprevedi li waħda mill-kundizzjonijiet tal-validità ta' inizjattiva hija li f'mill-inqas kwart tal-Istati Membri, l-għadd ta' firmatarji ikun tal-anqas daqs l-għadd minimu ta' ċittadini stabbilit fl-Anness I, meta tiġi rreġistrata l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta. L-għadd minimu jikkorrispondi mal-għadd ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat bl-għadd totali ta' Membri tal-Parlament Ewropew.
- (2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni Ewropew (UE) 2018/937 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾. Din id-Deċiżjoni, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Lulju 2018, tistipula n-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru għal-leġislatura 2019-2024, li tibda fit-2 ta' Lulju 2019.
- (4) Fis-22 ta' Marzu 2019, bid-Deċiżjoni (UE) 2019/476 ⁽³⁾, il-Kunsill Ewropew bi qbil mar-Renju Unit iddeċieda li jestendi l-perjodu b'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-TUE sat-22 ta' Mejju 2019 fil-każ li l-House of Commons tapprova l-Ftehim dwar il-Ħruġ sad-29 ta' Marzu 2019 jew, jekk dan ma jkunx il-każ, sat-12 ta' April 2019. Il-House of Commons ma approvax il-Ftehim dwar il-Ħruġ sad-29 ta' Marzu 2019. Fil-11 ta' April 2019 il-Kunsill Ewropew, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽⁴⁾ u bi ftehim mar-Renju Unit, iddeċieda li jestendi ulterjorment dak il-perjodu sal-31 ta' Ottubru 2019.
- (5) Sabiex jiġu riflessi dawn ir-regoli li jinsabu fid-Deċiżjoni (UE) 2018/937 fir-rigward tal-għadd minimu ta' firmatarji stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/788, huwa xieraq li l-Anness I jiġi ssostitwit mir-Regolament (UE) 2019/788. Din l-emenda jenħtieġ li tibda tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/788, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2020. Madankollu, jekk ir-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni Ewropea wara dik id-data, l-emenda tidħol fis-seħħ dwar l-ħruġ.
- (6) Għaldaqstant l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/788 jenħtieġ li jiġi sostitwit,

⁽¹⁾ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

⁽²⁾ ĠU L 165 I, 2.7.2018, p. 1.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-22 ta' Marzu 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 80I, 22.3.2019, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/788 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 jew mill-jum wara dak li fih it-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, skont liema data tkun l-aktar tard.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

"ANNEX I

GĦADD MINIMU TA' FIRMATARJI GĦAL KULL STAT MEMBRU

Il-Belġju	14 805
Il-Bulgarija	11 985
Iċ-Ċekja	14 805
Id-Danimarka	9 870
Il-Ġermanja	67 680
L-Estonja	4 935
L-Irlanda	9 165
Il-Greċja	14 805
Spanja	41 595
Franza	55 695
Il-Kroazja	8 460
L-Italja	53 580
Ċipru	4 230
Il-Latvja	5 640
Il-Litwanja	7 755
Il-Lussemburgu	4 230
L-Ungerija	14 805
Malta	4230
In-Netherlands	20 445
L-Awstrija	13 395
Il-Polonja	36 660
Il-Portugall	14 805
Ir-Rumanija	23 265
Is-Slovenja	5 640
Is-Slovakkja	9 870
Il-Finlandja	9 870
L-Iżvezja	14805"